MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 968/2002

**Saviour Darmanin.**

**vs.**

**Emanuela sive Lilian Galea.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-ghoxrin (20) ta’ Settembru tas-sena elf, disa’ mija u tnejn u disghin (1992), fil-Furjana, Malta, gie ccelebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

Illi li minn dan iz-zwieg baqghu improle;
Illi il-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali l-istess;

Illi il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi li ghalhekk il-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien simulat;

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-incizi **(d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

**1.** Tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-ghoxrin (20) ta' Settembru 1992 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur **tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk tordna li issir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-zwieg relativ.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4;

Rat ir-rikors datat 29 ta' Novembru, 2002 fejn l-attrici talbet lil din il-Qorti biex tordna n-notifika tal-konvenuta wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet tat-2 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal datat 8 ta' Jannar 2003;

Rat ir-rikors tal-5 ta' Frar 2003 fejn l-attrici talbet lil din il-Qorti biex tordna n-notifika ta' l-istess konvenuta permezz tal-procedura tal-affissjoni;

Rat id-digriet tas-6 ta' Frar 2003, fejn il-qorti laqghet it-talba;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn ecceppiet illi:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel mat-talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Settembru 1992 huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess attur u mhux lill-eccipjenti;

2. Illi l-kunsens ta' l-attur kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali tal-mizzewgin, u fil-fatt huwa ma kienx kapaci jassumi d-dmirijiet u responsabbilitajiet tal-hajja mizzewga, b'mod illi l-attur baqa' qatt ma gab l-ebda rispett lejn martu l-eccipjenti;

3. Illi mhux minnu li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija serja li taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi *inoltre,* kien l-attur li eskluda pozittivament iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga, u fil-fatt qatt ma kien hemm l-ebda komunjoni ta' hajja u mhabba bejn il-partijiet, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi *inoltre*, il-kunsens ta' l-attur gie simulat kif jista' jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi fic-cirkostanzi l-eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-prezenti, li ghandhom jigu sopportati unikament mill-attur;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol.26 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol.27;

Rat in-nota tal-attur datata 11 ta' Marzu 2003, li permezz taghha esebixxa l-anness estratt mehud mill-Gazzetta lokali *The Times* tas-Sibt l-1 ta' Marzu 2003 ghall-finijiet tan-notifika ordnata minn din l-Onorabbli Qorti;

Rat il-verbal tal-1 ta' April, 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' hamsin (50) jum min-notifika tal-afffidavits attrici;

Rat in-nota tal-attur datata 3 ta' April 2003, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta' Mejju 2003, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tal-habib tieghu Adrian Casha;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 21 ta' Lulju 2003, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha u dak ta' Sylvia Dalli;

Rat in-nota tal-attur datata 7 ta' Ottubru 2003, li permezz taghha esebixxa kopja tal-okkorenza tal-Puluzija dwar rapport tas-16 ta' Ottubru 1989;

Rat il-verbal tas-7 ta' Ottubru 2003, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Dicembru 2003;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

## i) Provi Prodotti.

Illi fl-affidavit tieghu l-**attur Saviour Darmanin** jghid li:-

*"Illi jien izzewwigt lili konvenuta Lilian Galea fl-20 ta' Settembru 1992. L-gherusija taghna ma kienet xejn wahda normali."*

*"Illi konna ltqajna xi tlett snin qabel it-tieg u bdejna nohorgu ma' xulxin b'mod kazwali ghall bidu u imbaghad regolarment. Minn naha tieghi, ma kellix hsieb li nizzewgu dak iz-zmien."*

*"Illi sirt naf li omm Lilian ma riedetx taccetta li bintha ikollha guvni. Lilian kienet baqghet l-ahhar fost tlett ahwa bniet li ma izzewgitx u ommha ma riedethiex tibda relazzjoni serja li jista iwassalha ghaz-zwieg. L-ambjent tad-dar tal-konvenuta ma kenitx felici. Missierha kien miet meta kienet ghadha tarbija u ommha rabbiet lilha u lil hutha wahidha. Spiccat tbaghti minn depression u wliedha stess ma kienux jingiebu maghha dak iz-zmien. Lilian kienet tghid li ommha kienet tobghodha."*

*"Illi ghalhekk meta darba minnhom Lilian haditni ghand ommha' biex tintroducini maghha, ommha haditna bl-herra. Ma riedetx taccetta li bintha tibqa tohrog mieghi, mhux minhabba li kellha xi haga kontrija personalment, imma ghalhiex ma riedethiex tohrog ma ebda guvni. Fil-fatt riedet li Lilian taghzel, bejni u bejn li tibqa' tghix ma' ommha u Lilian ghazlet li tibqa tarani. Ommha rreagixxiet biex keccietha mid-dar."*

*"Illi jien ma kontx qed nistenna reazzjoni simili izda Lilian haditha bhala agir normali ta' ommha. Spjegatli li din ma kenietx l-ewwel darba li ommha kelmitha b'dan il-mod. Hi ma telqitx f'dak il-mument izda iktar tard mal-gurnata ircevejt telefonata minnghandha fejn qaltli li ommha kienet tatha xebha u keccietha fizikament mid-dar. Qaltli li ma kellhiex fejn tmur u mort nigborha jien mit-triq. Lanqas kellha hwejjeg biex tbiddel maghha."*

*“Illi offrejtilha li nakkompanjaha biex tigbor hwejjigha izda qaltli li dan jista ikun ta’ periklu ghaliex ommha kienet izzomm flixkun acidu wara il-bieb ta’ barra u kienet lesta u kapaci li tixhet is-sustanza fuq in-nies. Lilian spiccat Ii raqdet id-dar ta’ ommi fejn kont nghix dak il-lejl. Konna ghamilna rapport l-Ghassa wkoll li telqet mid-dar.”*

*“Illi minn dak iz-zmien sat-tieg, Lilian baqghet tiddependi fuq in-nies biex ikollha fejn tghix. L-ewwel marret ghand ohtha ghall tlett xhur izda spiccat Ii kissirtha maghha u marret tghix ma’ ohtha l-ohra sat-tieg.”*

*“Illi kif ghidt, l-gherusija ma kenitx normali. Lilian kienet spiss tilmenta li kienet imdejqa ghand hutha u riedtna li nizzewgu biex titlaq minn hemm. Ma kienetx possibbli ghaliha li tirritorna ghand’ommha u riedet tehles mis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha. Kienet tiddejjaq li ma kellhiex privacy fid-dar ta’ hutha u anke n-neputijiet kienu qed idejquha. Kienet hi li semmiet iz-zwieg. Kienet anke spiccat ma tkellimx liIl-ohtha u baqghu miksurin minn ma’ xulxin.”*

*“Illi minn naha tieghi, sibt ruhi f’sitwazzjoni li ma stajtx nahrab minnha. Hassejt Ii kont responsabbli indirettament ghac-cirkostanzi Ii sabet ruhha fihom Lilian u thassartha. Kont attratt lejha fizikament imma ma kienx hemm imhabba u zgur ma kellix f’mohhi li nidhol ghar-relazzjoni dejjiema maghha. Hi ma hallietnix bi kwieti u lanqas tatni l-opportunita’ li naghmel ghazla bl-ilmenti spissi li kienet taghmilli tad-dwejjaq li kienet qed thoss. Kien fuq suggeriment u insistenza taghha Ii kelli nohrog loan biex nakkwistaw dar sabiex inkunu nistghu nizzewgu illum qabel ghada.”*
*“Illi lanqas konna nikkomunikaw spiss tant kellna tensjoni fuqna. Minn naha wahda hassejt li kienet qed trossni f’rokna li ma stajtx nahrab minnha u minn naha l-ohra hi, ovvjament, rieded tahrab mill-ambjent taghha. Konna nitkellmu l-izjed bit-telefon u d-diskussjonijiet kienu dejjem centrati fuqha u kif iz-zwieg kien il-mezz kif hi tikseb l-indipendenza taghha. Ma tantx konna niltaqghu spissi minnhabba I-impenji ta’ xoghol u kont anke nahdem part*

*time kif ukoll kont referee u kelli nattendi attivitajiet sportivi."*

*"Illi l-perjodu sa' qabel it-tieg u anke fit-tieg stess kien wiehed mimli tensjoni. Ghalija ma kienetx okkazzjoni ta' ferh. Kelli dubbji serji dwar Lilian u dwar iz-zwieg u sirt naf li anke il-familjari tieghi kellhom dawn id-dubbji. Aparti dan izzewwigna bil-mohbi la' ommha u Lilian lanqas qalet lil ohtha biex tattendi ghat-tieg peress li ma kienux qed jitkellmu. Dawn kienu affarijiet li ma stajtx nifhimhom ghalhiex kelli trobbija ferm differenti u il-familja tieghi hija wahda unita. Tant bezghat minn ommha li konna ukoll informajna lill Pulizija biex iharsuna f'kaz li titfacca ommha."*

*"Illi ghalija z-zwieg kien mezz biex nghin lil Lilian. Ma kontx nidhol ghaz-zwieg kieku c-cirkostanzi taghha kienu differenti. Ma kontx inhobbha ghalkemm kelli attrazzjoni fizika lejha fl-ewwel xhur li kont nafha. Imma wara dan l-ewwel perjodu bqajt maghha biss ghax hassejt li kelli nghinha."*

*"Illi fil-hajja mizzewga taghna ma tantx konna niltaqghu matul il-gurnata minhabba li it-tnejn konna nahdmu. Wara x-xoghol kelli training u ghalhekk kont nirritoma id-dar tard fil-ghaxija. Ma niftakarx li bejnietna kien hemm dak l-affett ii wiehed jara f'koppji uniti. Il-konvenuta kienet ghajjurha ghalija u riedet taqtani mill-affett tal-familja u mil-hbieb."*

*"Illi Lilian, sa mil bidu nett bdiet iddahhalli problemi mal-familja tieghi. Hi ma kienetx iggibhom u riedet li ninqata' minn maghhom. Jien obdejtha u wara iz-zwieg, minhabba fiha, kelli naqta' l-kuntatti li kelli mal-genituri tieghi u ma' huti. Kienet tilmenta spiss minnhabba l-impenji tieghi tal football izda ma kelli ebda intenzjoni li nissagrifika l-isport minnhabba kapricci taghha."*

*"Illi bdejt ninduna li anke hbiebi kienu qed jinqatghu minn mieghi u sirt naf ii meta kienu jcemplu d-dar kienet tghidilhom li ma kontx hemm biex ma nkellimhomx."*

*"Illi rigward tfal, bdejna nippruvaw ghat-tfal minghajr success xi sentejn wara iz-zwieg (1993/1994***)*** *u wara li t-tnejn ghamilna testijiet sibna li kelli problemi ta' low sperm count. Lilian haditha qatta' bla habel kontrija, tinsulenta lili u lill-familja tieghi meta hareg ir-rizultat ghalkemm Dr.Josie Muscat tani trattament ta' injections ghal dan il-problema. Lilian insistiet li ttihomli hi dawn l-injections. Saret aggressiva mieghi u darba minnhom tant dahhlet i-injection bil-forza li kwasi paralizzatli n-nerv ta' saqajja u ma stajtx nimxi. Jien assolutament ma ridthiex izjed biex ittini l-injections hi izda minn naha taghha hi ma riedet lil hadd iehor, lil ebda tabib li ttihomli flokha u b'hekk waqafna it-trattament qabel il-waqt. Ma nahsibx li l-konvenula riedet it-tfal . Meta kienet qed tghix ma' ohtha kienet turini bic-car li kienu idejquha u kieku ridithom verament ma kenitx twaqqaf it-trattament li semmejt."*

*"Illi ma konniex kuntenti fiz-zwieg u dan l-incident kien il culmine. Ir-relazzjonijiet ta' bejnietna marru mill-hazin ghall-aghar. Ma konniex nikkomunikaw u l-ftit komunikazzjoni li kien hemm kien ta' glied. Darba minnhom gejt lura id-dar u sibt nota imwahhla mal-bieb tal-kamra tal- banju bil-kliem "Ciao lili m'intix ser tarani iktar." Kienet sakkret il-bieb minn gewwa imma wara xi tlett kwarti ta' siegha ipperswadejtha biex tiftah il bieb. Kellha heater tal-gass bic-cilindru miftuh. Ma reditx tkeltimni ghajr biex tghidli li riedet toqtol lilha innifisha biex tahrab mill problemi li kellha."*

*"Illi spiss kienet thedded li ser titlaq izda qatt ma ghamlitu u fl-ahhar ma' flahtx izjed u mort ghand Avukat biex nibda proceduni la' separazzjoni. Konna ilna nghixu qisna zewg barranin fid-dar . Hadna is-separazzjoni f'Dicembru 1997, sena wara li bdejt il- proceduri."*

Illi giet prezentata wkoll ix-xhieda ta' habib tal-attur **Adrian Casha** permezz ta' nota datata 20 ta' Mejju 2003 li qal li l-konvenuta ma kienitx tinkoraggih fl-isport u anke hass li riedet taqta' l-hbiberija li kellhu mal-attur tant li darba minnhom kellmitu b'arroganza. Hawn l-attur jidher li fetah qalbu ma' dan ix-xhud u qallu li kien izzewweg lill-konvenuta ghaliex kien thassarha. Qallu wkoll li hass li l-

konvenuta kienet qed tipprova ggeldu ma' niesu u ma hbiebu. Wara s-separazzjoni l-istess xhud qal li ra' kambjament fl-attur ghall-ahjar u semma' kaz fejn skond huwa l-konvenut ingurjat lill-attur fuq il-professjoni ta' referee.

Illi l-**konvenuta** fl-affidavit taghha pprezentat b'nota tal-21 ta' Lulju 2003 tghid:-

*"Illi jiena kelli 22 sena meta ltqajt ma' Saviour. Iltqajna Paceville b'kumbinazzjoni u minn hemmhekk bdejna nohorgu flimkien. Fil-fatt ghamilna xi tlett snin gharajjes sakemm izzewwigna fl-20 ta' Settembru l992."*

*"Illi meta konna ghadna gharajjes, jien u Saviour ma konniex niltaqghu kuljum jew ta' spiss, u s-soltu konna niltaqghu biss fil-weekends ghax hu kien ikun impenjat biex xoghol u l-football, peress li huwa kien referee u kien ikollu hafna training, anke matul il-gimgha. Barra minn hekk, Saviour kien joqghod il-Fgura u, meta kont ghadni noqghod ma' ommi l-Mosta, ma kienx ikun irid joqghod jitla' ghalija u jwassalni kuljum ghax kien jghidli kellu erbatax (14)-il mil biex jitla' l-Mosta. Anke meta mort nghix ma' ohti Hal Qormi, Saviour xorta wahda baqa' jghodd il-mili biex jigi ghalija u jwassalni. Imma wara xi erba' jew hames xhur li konna bdejna nohorgu flimkien, Saviour beda jitkellem fuq iz-zwieg."*
*"Illi jien kont naf li z-zwieg kien konvenjenti hafna ghal Saviour ghax kien imdejjaq hafna ghand ommu u kien dejjem jghidli li jrid jitlaq mid-dar. Sirt naf illi Saviour kien jghir hafna ghal ohtu l-kbira ghax kien webbes rasu li ommu kienet tippreferiha iktar minnu, u ghalhekk kien jiggieled hafna maghha, kif ukoll ma' ohtu, u lanqas lir-ragel taghha ma kien ikellem. Anke ma' ohtu z-zghira ma kienx imur tajjeb, ghax kienu jilletikaw ta' spiss u jaghmlu vendikazzjonijiet lil xulxin, tant li darba minnhom ohtu kienet rat lil xi hadd qed jobrox il-karozza tieghu b'cavetta, u ma ghamlet xejn biex twaqqfu, anzi halliet il-hsara ssir qabel ma marret tghid lil Saviour b'li kien gara."*

*"Illi ommu gieli kienet tghidli kemm hu supperv Saviour, u jien malajr sirt naf kemm dan kien minnu. Meta konna*

*nkunu ghand ommu u tigi ohtu bit-tfal, kien jibghathom 'l hemm ghax ma kellux pacenzja mat-tfal. Dejjem jilmenta mieghi x'kienu jaghmlulu t-tfal ta' ohtu u dejjem jghid kontriha. Dan kien l-ewwel sinjal car li Saviour ma kienx irid tfal ghax lanqas kien jaf imur maghhom, izda sfortunatament, dak iz-zmien jien kont ghadni ma rrealizzajtx lili jien u Saviour qatt kien ser ikollna problemi fuq hekk. Meta bdejna nohorgu flimkien, jien sirt naf lili omm Saviour kienet tghin lil ohtu finzjarjament ghaliex kellha r-ragel ma jahdimx u barra minn hekk, kellhom zewgt itfal zghar. Tant ma kienux sew ma' xulxin Saviour u ohtu l-kbira, illi fil-fatt, meta darba kont wahdi ma' ommu, oht Saviour qaltilha lili dment li Saviour jibqa' joqghod ghand ommu, ma kienetx ser terga' tidhol fid-dar ta' ommha minhabba l-mod kif kien trattaha. Dak il-hin, ommu bdiet tibki ghax kienet tibza' illi minhabba Saviour ma kienetx ser terga' tara n-neputijiet taghha. Tant kienet inkwetata bil-problemi bejn Saviour u ohtu illi ommu gieli kienet tmur ghand il-qassis biex tiftah qalbha fuq hekk."*

*"Illi ghalhekk, ghalija kien ovvju niill-ewwel illi Saviour kellu genn biex johrog mid-dar ta' ommu ghax kellu hafna inkwiet mal-familja tieghu. Nahseb illi din kienet ir-raguni ghaliex huwa beda jitkellem fuq iz-zwieg daqshekk kmieni fir-relazzjoni taghna, ghax wara erba' xhur, ma konniex daqshekk close ma' xulxin. Jien min-naha tieghi, ghalkemm kont nissuspetta x'kien i-iskop ta' Saviour meta semmieli z-zwieg, ghax kien jidher herqan hafna biex jizzewweg, jien ma ddejjaqtx hafna ghax jien ukoll kelli l-problemi tieghi d-dar. Ommi, li hija armla, ma riditnix nizzewweg ghax wara li huti kollha kienu zzewgu u telqu mid-dar, hija kellha bzonn min jghix maghha u jiehu hsiebha. Fil-fatt, dejjem kienet tghidli illi jiena, ghax kont iz-zghira, kelli nibqa' nghix maghha."*

*"Illi missieri kien miet zghir u jien qatt ma kont nafu ghax miet hdax (11)-il gurnata wara li twelidt jien. Ghalhekk, ornmi kienet over protective mieghi u ma' huti, tant illi meta ohti Sylvia zzewget, qalbha riedet tohrog. Xejn ma kienet tiehu gost meta jien hrigt ma' guvintur ghaliex dejjem bezghet li nizzewweg u nitlaqgha ghal kollox. Imbaghad xi kultant kien idurilha u kienet tghidli kemm*

*tixtieq li ningabar bhal huti. Imma jiena xorta wahda bzajt nghidilha ghall-bidu li bdejt nohrog ma' Saviour. Meta fl-ahhar Saviour beda jidhol ghand ommi, jien kont kuntenta hafna ghax rajt Ii kien qed jaghmel sforz kbir jinghogob maghha, ghax kien jaf bis-sitwazzjoni li kont ninsab fiha d-dar. Fil-fatt, ommi ma kienetx haditha daqshekk bi kbira li kont qed nohrog ma' Saviour. Kienet tkun sew ma Saviour u gieli kienet issajjarlu meta kien jigi d-dar. Saviour qiesu kien qed jahseb kif ser jipprova jirbah l-approvazzjoni taghha, ghax sadanittant, ommi kienet ghadha ma tafx lili jiena u Saviour konna qed nitkellmu fuq iz-zwieg. Imbaghad, Saviour gietu l-idea lili meta nizzewgu ngibu lil ommi toqghod maghna ghax hu ma riedx imur joqghod il-Mosta. Kien sahansitra qalli li naghmlulha kuntratt biex ma jkollniex dritt inkeccuha mid-dar taghna!"*

*"Illi fil-fatt. kien meta jien mort nghidilha bil-proposta ta' Saviour li tigi toqghod maghna meta nizzewwgu, illi ommi qalghet l-inkwiet, ghax dan ma accettatux. Meta ghiditiha li kont iddecidejt li nizzewweg lil Saviour, ommi keccietni mid-dar taghha. Meta ghidtlu x'gara, Saviour beda jibki u qalli kollu tort tieghu, u fil-fatt, l-ghada gie mieghi ghand il-pulizija biex nara jekk kellix dritt nidhol ghand ommi biex niehu hwejgi minn hemm. Mort nghix mill-ewwel ghand ohti Josephine u fil-fatt, b'kollox domt nghix ghandha xi xahar. Wara gimgha ergajt ippruvajt immur lura ghand ommi imma wara ftit, ergajna thassarna. Nixtieq nippreciza illi kuntrarjament ghal dak li qal Saviour fl-affidavit tieghu, jiena qatt ma rqadt ghand ommu u qatt ma gibtu f'rokna illi jzewwigni ghax kieku ma kienx hu, kien ikun haddiehor, ghax jiena tfal ridt u barra minn hekk, stajt tlaqt mid-dar u xtrajt flat ghalija meta ridt. Dan ghaiiex jiena kont dejjem bil-ghaqal bil-flus u, avolja trabbejt minghajr missier, it-trobbija tieghi kien sod, tajjeb u indipendenti."*

*"Illi meta mbaghad inqala' l-inkwiet bejn ohti u r-ragel taghha, jiena mort nghix ma' ohti Sylvia, li minn dejjem kont close hafna maghha, anke llum. Jiena u Saviour bqajna nohorgu flimkien normali u komplejna l-pjanijiet taghna ghaz-zwieg qiesu ma gara xejn. Jien kont kuntenta hafna noqghod ma' ohti u ma kelli inkwiet ta' xejn,*

*ghalkemm jien u ommi bqajna mhassrin ma' xulxin. Fil-fatt, apparti ghat-tfal, jien ma kelli l-ebda ghaggla biex nizzewweg. Barra minn hekk, jiena u Saviour kellna bzonn infaddlu l-flus biex nixtru post ghalina."*

*"Illi imma Saviour qiesu kellu ghagla kbira biex jizzewweg u fil-fatt, meta zzewget ohtu tan-nofs, ftit wara li jien kont tlaqt mid-dar ta' ommi, qalli; "Issa ahna jmissna — sib il-gurnata halli nizewwgu", bhallikieku ried jizzewweg l-ghada stess! Imma Saviour ma kellux flus imfaddla u avolja jiena kelli sebat elef Lira Maltin (Lm 7,000) fil-Bank, ma kienx bizzejjed biex nissellfu mill-Bank biex nixtru post. Ghalhekk, bdejt nahdem zewg jobs sabiex fl-1990 jiena u Saviour hadna loan milll-Lohombus u xtrajna maisonette."*

*"Illi meta wasalna biex nizzewgu, jien u Saviour ftehmna, avolja kontra qalbi, li nistennew sentejn wara li nizzewgu biex nippruvaw ghat-tfal, sabiex inlahhqu ngemmghu xi haga tal-flus u ntaffu l-ispejjez li kellna biex narmaw id-dar u biex inhallsu l-loan. Jien kelli seba' mitt sena biex jghaddu dawk is-sentejn, ghax issa li kont mizzewga ma ridtx nistenna aktar biex ikolli t-tfal. Imma Saviour hekk ried. Ghalhekk meta imbaghad skoprejt li Saviour kellu kundizzjoni li x'aktarx ma jistax ikollu tfal, hadtha bi kbira hafna, u dak iz-zmien kont nghid illi kieku kont naf qabel bil-kundizzjoni tieghu, ma kontx inkompli mieghu. Illum nirrealizza li Saviour x'aktarx kien jaf bil-kundizzjoni tieghu anke qabel ma zzewwigna, izda xorta wahda baqa' qatt ma qalli xejn ghalkemm kien jaf kemm ridt ikolli t-tfal. Fil-fatt, wara li ghaddew is-sentejn li konna ftiehmna illi ma jkollniex tfal, Saviour mill-ewwel beda jittratjeni u beda jgib skuza wara ohra biex ma jkollniex tfal. Daqqa ghax ried jixtri airconditioner, imbaghad fitted carpet, satellite T.V., u sadanittant jien kelli nkompii nahdem biex infaddlu l-flus ghal dawn il-kapricci. Donnu Saviour ma riednix ikolli il-hin, il-mohh jew is-sahha biex ikolli tfal. Ghamilt id-dar minn fuq s'isfel imma Saviour beda jaqla' kollox miil-gdid. Kif insemmilu t-tfal kien jigi b'xi skuza gdida. Sa ried li nbighu d-dar u nixtru flat San Gwann, izda jiena ma riedtx ghax kien wasal iz-zmien li jkollna familja. Ilium naf li Saviour kellu x'jahbi u kien vvinta l-iskuzi biex ma*

*jinqabadx, ghaliex huwa kien jaf tajjeb kemm xtaqthom it-tfal u forsi beza' jghidli".*

*"Dak iz-zmien, tant xtaqt li jkolli tarbija li bdejt nossessjona fuq it-tfal. Kont diga' mwebbla ghat-tfal minn qabel iz-zwieg u kollox ma' kollox, meta kelli nistenna sentejn wara li zzewigna, u meta mbaghad Saviour beda jittratjeni, aktar bdejt niffissa. Imbaghad, meta bdejna nippruvaw ghat-tfal u bqajt ma hrigtx tqila, kien ser jaqbadni depression. Fil-fatt. domna madwar tliet snin nippruvaw ghat-tfal imma jien ma stajtx ninqabad tqila. Ghalija dan iz-zmien kien daqs kalvarju. Kont niftah qalbi ma' ohti Sylvia u meta ma kienx jigini l-period kont nigri s'ghandha biex immorru naghmel pregnancy tests. Bdejt naghmel il-weghdiet u ma flahtx nara mara tqiia. Saviour, minflok tani appogg, kien jghidli illi nghir ghax nara mara tqila u kien jghajjarni mielha. Inhoss li jien kont qed nonqos bhala mara, jew lili kont inkapacitata imma xorta wahda t-tghajjir minghand Saviour ma waqafx. Kien jghidli: "Int ma ghandkex familja. Int armla!"*

*"Illi meta mbaghad il-mara ta' hu Saviour, li zzewweg warajna, harget tqila, jien iddecidejt nara x'kienet il-problema ghax kien ovvju illi wiehed minna kellu xi haga. Jien mort naghmel testijiet ghand it-tabib, imma Saviour lanqas indenja ruhu jigi mieghi kellha takkumpanjani ohti Sylvia. Irnma avolja ma sabuhi xejn, Saviour xorta dam jittrattjeni zmien twil qabel ma ddecieda jmur jaghmel it-testijiet, dejjem b'xi skuza jew ohra."*

*"Illi jien kont ghaddejja minn zmien ikrah hafna. Qisu ma kien hemm l-ebda affezzjoni bejnietna fiz-zwieg taghna. Saviour kien jeskludini kompletament mill-hajja tieghu. Fil-fatt, hekk kif konna zzewwigna, huwa beda johrog regolari mal-hbieb tieghu u illi qatt ma kien johrogni mieghu u kont dejjem nispicca dejjem wahdi d-dar. Mohhu biss fil-football u l-hbieb, u fil-weekends ma kienx ihallini mmur il-ground biex nara l-loghbiet, dejjem b'xi skuza jew ohra."*

*"Illi Saviour mar jaghmel it-testijiet hu stess ghand Dr. Josie Muscat b'suppervja kbira fis-Sajf ta' l-l996. Meta skoprejna li ma kontx qed nohrog tqila ghaliex hu kellu low*

*sperm count, u ghalhekk x'aktarx konna nibqghu minghajr tfal, demmi beda' jbaqbaq. Bdejt niftakar illi meta konna ghadna gharajjes, ommu kienet staqsiet lit-tabib tal-famiija, fil-presenza tieghi, jekk Saviour jistax ikollu t-tfal minhabba xi pinnoli li kien jiehu dak iz-zmien. Fil-fatt, meta Saviour ghamel it-testijiet, Dr. Josie Muscat kien staqsieh jekk kienx ha xi steroids, imma Savioun kien qallu le. Nahseb illi din il-problema hi wahda kongenitali, ghaliex sa kemm domna flimkien, oht Saviour ukoll kellha diffikolta' kbira biex ikollha t-tfal."*

*"Illi t-Tabib Muscat tah kors ta' injections, u jien ittamajt li l-possibilta' li jkolli tfal ma kontx tliftha ghal kollox. Imma meta kellimt lit-Tabib ghax bzajt illi t-trattment seta' jkun ta' hsara ghat-tarbija, kieku kelli nohrog tqila f'dak il-perijodu, it-Tabib qalli biex indoqq il-qniepen jekk nohrog tqila, ghax kien hemm possibilita' ftit ii xejn li t-trattament kien ikollu xi effett pozittiv. L-injections kont intihomlu jien lil Saviour ghax kelli xi esperjenza b'ommi, li hija dijabetika. Izda darba kont bir-roghda, u bi zball weggajtu wahda u sew. Saviour akkuzani li ppnuvajt noqtlu u b'suppenvja kbira rema' l-injections u rrnifjuta illi jkompii jiehu t-trattament ghall-kundizzjoni tieghu. Qisu kien determinat illi jeskludi t-tfal mill-hajja tieghu."*

*"Illi kieku kont naf minn qabel izzewwigna li Saviour kellu problemi biex ikollu t-tfal, kont nerga' nahsiba nibqa' mieghu, ghaliex filwaqt li kont naf li Saviour ried jizzewweg l-aktar biex jehles mid-dwejjaq li kellu d-dar, jiena izzewigt bil-hsieb li jkolli t-tfal. Iz-zwieg rajtu bhala mezz biex ikolli t-tfal, li gejt imcahda minnhom ghax Saviour, bl-atteggjament tieghu, ghamilha cara li ma riedx ikollu tfal. Fil-fatt, jiena u Saviour isseparajna ftit wara ii skoprejna bil-problema tat-tfal".*

*"Illi qabel ma bdejna bil-proceduri ghas-separazzjoni, Saviour kellu relazzjoni ma' mara ohra, Marthese Azzopardi, u darba minnhom, meta ma kienux ghadhom flimkien, jien irnexxili niltaqa' ma' dil-mara u bdejna nitkellmu. Kelma gibdet ohra, u gejna fid-diskors fuq it-tfal. Dil-mara qaltli li meta kienet tohnog ma' Saviour, dejjem kienet tibza' li tinqabad tqila. Meta qaltli hekk, jien*

*staqsejtha jekk Saviour kienx qalilha li ma jistax ikollu t-tfal imma wegbitni li Saviour qatt ma qalilha b'xejn, lanqas meta kienu jitkellmu fuq it-tfal. Lanqas li Saviour qatt ma qalli b'xejn anzi, ghamel minn kollox biex ma jara kif jeskludi ghal kollox il-possibilita' illi jkollna tfal flimkien."*

Illi giet prezentata wkoll ix-xhieda ta' oht l-konvenuta **Sylvia Dalli** permezz tal-procedura tal-affidavit liema affidavit huwa datat 21 ta' Lulju 2003.

**i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid li z-zwieg huwa null:-

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual*

*surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (****"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –*** *P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta'*

*inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco*

*perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "****Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"****, P.A., 10 ta' Novembru 1995)".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (****"Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline**

**Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel*

*futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento*

*idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the*

*contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

*Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002)* inoltre *l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro" (**P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia" (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.**

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**Artikolu 19 (1) (f):-** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jidher li kull parti qed twahhal fl-ohra sabiex isostni li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-parti l-ohra kien vizzjat peress li r-raguni li kull wahda mill-partijiet ghazlet li tizzewweg kien il-fatt li l-kontendenti kienu mdejjqin bis-sitwazzjonijiet rispettivi tal-familji taghhom. Fil-fatt jidher car u hawn il-partijiet jaqblu, li omm l-konvenuta kienet kontra l-ideja ta' zwieg ghall bintha tant li jirrizulta li qabel it-tieg il-konvenuta sabhet ruhha mkeccija mid-dar ta' ommha u kellha tghix ghand parentela taghha.

Illi certament dan l-avveniment wassal lill-partijiet sabiex certament jbiddlu l-pjanijiet taghhom u certament li din kienet il-konsiderazzjoni principali ghaliex verament il-partijiet ghazzlu li jizzewwgu lill-xulxin, u cjoe' biex tigi regolarizzata sa certu punt is-sitwazzjoni tal-konvenuta; jidher li l-attur hass li kien obbligat lejn l-konvenuta u ma setghax ihalli s-sitwazzjoni hekk, u ghalkemm jidher li ma kienx hemm xi emozzjoni specjali bejn il-kontendenti malajr iddecidew li jizzewwgu ghall dan l-iskop.

Illi mhux biss izda jidher li l-konvenuta kellha xewqa kbira li jkollha tfal, u fil-waqt li certament il-prokreazzjoni tal-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg, ma hijiex l-unika wahda u zwieg minghajr ulied huwa validu wkoll dment li l-prokreazzjoni tal-ulied ma tigix eskluza.

Illi mill-fattispecie tal-kaz jirrizulta li l-attur ma setghax minghajr ma jiehu l-kura necessarja jikkoncepi mal-

konvenuta, u jidher li din il-kura bdiet tittiehed mill-attur, ghalkemm jidher li l-konvenuta, bl-ansjeta' u l-fissazzjoni li kellha li jkollha it-tfal, assumiet ir-rwol ta' assistenta medika, u meta rat li tali kura ghall xi zmien ma hallietx il-frott u anke minhabba disgwid mal-attur fuq l-istess kura minnha, fejn l-attur waqqaf hesrem il-kura, hija ddecidiet li tisseppara minn mal-attur, u certament dan juri li l-istess konvenuta kellha difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewwga stante li dak li jaqghad tnejn min-nies tas-sess oppost b'kunsens validu ta' zwieg hija dik l-imhabba ghall persuna ohra li igeghla liberalment tiddeciedi li tkun trid tqatta' l-hajja taghha kollha maghha, b'dan li jkun hemm komunjoni ta' hajja f'familja gdida, kemm bit-tfal u kemm minghajr tfal.

Illi dan jidher li l-konvenuta ma kienitx lesta taghmlu, u fuq dan l-aspett jingad li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attur kien jaf bil-kundizzjoni tieghu, u nonostante dak allegat mill-konvenuta, ma jidhirx li gie ppruvat li l-attur ssogetta l-kunsens tieghu ghall kondizzjoni li ma jkollhux tfal miz-zwieg jew heba xi haga li kien jaf dwarha fuq il-kondizzjoni mill-konvenuta.

Illi jidher ghalhekk li hemm bazi sabiex l-istess zwieg jigi annulat biss minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens taz-zewgt partijiet stante li jidher li fuq kollox il-partijiet izzewwgu stante li jidher li l-konvenuta kellha problemi mal-familja taghha u fis-sitwazzjoni li kienu fiha l-attur hass li kien obbligat li jassumi lill-konvenuta bhala martu, fil-waqt li dan kien ukoll komdu ghall-konvenuta; jidher ukoll li l-konvenuta kellha idejat ghaliha x'kien verament il-kuncett taz-zwieg u dan ma kienx relattat mal-imhabba u l-emozzjoni li hija kellha lejn l-attur, izda biss ibbazata fuq dak li hija xtaqhet mill-istess zwieg, u ghalhekk anke fuq din il-bazi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat.

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami jirrizulta li ghalhekk it-talba attrici ghanda tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

**1.** Tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-ghoxrin (20) ta' Settembru 1992 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur **tas-sub-inciz (d) tas-subartikolu wiehed (1) tal-artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk tordna li issir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-zwieg relativ.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewgt partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------